**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO**

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**-Vs-**

**STEPHEN CHIRCOP**

**Illum, 7 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi **STEPHEN CHIRCOP ta' 56 sena, bin Joseph u Filippa nee' Spiteri imwieled tal- Pieta` nhar il- 25 t' April 1966, residenti gewwa 332, Flat 1A triq il-Kbira Zebbug Malta, detentur ta' karta tal- identita Maltija bin-numru 185766M akkuzat talli nhar is- 6 t' Awwissu 2022 gewwa l-Belt Valletta:-**

1. ikkommetta serq ta' mobile phone, liema serq huwa aggravat bil- valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' Mabel Estafania u/jew persuni u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli ikkommetta serq ta' zewg basktijiet minn gewwa l- istabiliment MUY Collection l- Belt Valletta, ghad dannu ta' Josianne Spiteri u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif wkoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula

4. Kif wkoll talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta,liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami jwiegeb li huwa hati;

Il-Qorti wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti ikkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiddikjaraw illi l-mobile phone mertu tal-ewwel imputazzjoni ġie ritornat lid-derubata;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difza jiddikjaraw ukoll li jaqblu li l-valur komplessiv tal-oġġetti misruqa għad-detriment ta' Josianne Spiteri, mertu tat-tieni imputazzjoni, huwa ta' ċirka għoxrin Euro (€20);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputat ammetta l-htija tieghu mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni u l-fatt il-Pulizija rnexxielha tirkupra minghand l-imputat uħud mill-oġġetti misruqa u l-fatt illi l-valur tal-oġġetti misruqa li ma ġewx ritornati lid-derubati, huwa negliġibbli.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi għalkemm l-imputat ammetta għall-addebitu tar-reċidiva, l-imputat ma ġiex mixli li huwa reċidiv għall-finijiet tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u fi kwalsiasi każ, il-kundanni li minħabba fihom l-imputat għandu jitqies li huwa reċidiv, ma ġewx indikati fiċ-Ċitazzjoni u per di pju', il-Qorti ma għandhiex quddiemha l-fedina penali tal-imputat biex tagħmel l-aċċertazzjonijiet opportuni fir-rigward. Għaldaqstant, filwaqt li l-ammissjoni inkondizzjonata u bla riżerva tal-imputat ifisser li huwa għandu jinstab ħati li huwa reċidiv, mhijiex sejra ssibu ħati ta' dan l-addebitu għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 50 iżda biss għall-fini tal-Artikolu 49.

In kwantu għar-raba' imputazzjoni, ukoll ammessa mill-imputat, li huwa kkommetta r-reati ta' serq meta kien taħt Ordni ta' Probation, il-Qorti tqis li ma tistax minkejja l-ammissjoni tal-imputat, issibu ħati ta' din l-imputazzjoni. Hija ma għandha quddiemha l-ebda dokument jew dettall kwalsiasi la fiċ-Ċitazzjoni u lanqas fl-inkartament quddiemha, li huwa minimament meħtieġ biex tkun tippronunzja ħtija għal dan ir-reat, la l-Ordni tal-Probation innifisha, la d-data meta din l-Ordni ġiet erogata, la l-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni u lanqas minn liema Qorti din l-Ordni dġiet

erogata, fost oħrajn. Għaldaqstant filwaqt li rinfaċċjata bl-ammissjoni tal-imputat, ma tistax issibu ħati li kkommetta r-reati mertu tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet waqt li kien taħt xi Ordni ta' Probation partikolari u konsegwentement lanqas tista' tittratta miegħu għar-reat jew reati li għalihom ġie mqiegħed taħt din is-sanzjoni komunitarja taħt l-Artikolu 21 tal-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi skont kif ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni għall-fini tal-piena, l-imputat sab ruħu f'diffikoltajiet finanzjarji u ċ-ċirkostanzi personali tiegħu fil-preżent huma ftit jew wisq prekarji. Jidher ukoll li l-imputat kellu sfidi ta' vizzju tax-xorb fil-passat u fehmet li għandu bżonn inġenti jingħata gwida biex jistrutturizza ħajtu u jingħata l-għajnuna, anke professjonali, li jista' jeħtieġ biex iżomm 'il bogħod minn vizzji li jwasslu għall-kriminalita'.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 261(ċ), 267, 279(a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda fuq ammissjoni ssib lil STEPHEN CHIRCOP ħati tal-imputazzjonijiet kollha iżda mhux hati tar-raba' imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u tikkundannah sitt (6) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-ħati jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum, is-somma ta' għoxrin Euro (€20) lil Josianne Spiteri.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28H(8) jekk hu jonqos milli jikkonforma ruhu mal-ordni tal-hlas moghtija a tenur tal-Artikolu 28H.**

**Inoltre, b'zieda mal-piena diga` inflitta b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lil STEPHEN CHIRCOP taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija lilha llum.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Supervizjoni moghtija bid-digriet tal-lum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll għall-fini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**